MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2014

Appell Kriminali Numru. 558/2013

Appell Nru: 558/2013

Il-Pulizija

(Spettur Trevor Micallef)

Vs

Geani Roberto Morin

*Omissis*

Illum 26 ta' Gunju, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfornt ta' Geani Roberto Morin, detentur tal-passaport Rument bin-numru 085674353, u *omissis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fid-19 ta' Awwissu 2012, u fil-granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer Geani Roberto Marin;

Ikkometta serq ta' mobile phone Sony Ericcson liema serq huwa aggravate bil-valur (aktar minn Euros 232.56, izda mhux aktar minn 2325.58) ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa.

Ikkometta serq ta' qmis tad-ditta Sisley liema serq huwa aggravate bi sgass minn Sisley, Bisazza Street, Tas-Sliema ghad-dannu ta' Fashion Retailers Ltd.

Ikkometta serq ta' Jeans tad-ditta Killah liema serq huwa aggravate bi sgass minn Exit, Triq it-Torri, Tas-Sliema ghad-dannu ta' One Fashion Ltd

Instab fil-pussess tieghu strumenti li jaqtaw jew bil-ponta ta' liema xorta jkun maghruf ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

It-tnejn li huma b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jekk fi zminijiet differenti, liema jiksru l-istess diposizzjonijiet tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f'malta jew barra minn Mlata, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Wara li gew ikkundanati f'Malta ghal serq jew ghal ricettazzjoni, instabu fil-pussess taghhom frottijiet, xtieli, jew prodotti ohra tar-raba' jew tal-gonna, jew ta' flus, jew ta' ogetti ohra, li ma jkunux tal-kondizzjoni taghhom, minghajr ma taw kont sodisfacenti ta' kif kienu gew legittimament ghandhom, inkella instabu ghandhom mfietah, imqabblin jew iffalsifikati, jew ghodod ohra tajbin ghal ftuh jew sgassar ta' serraturi, jew instabu ghandhom forom ta' serraturi, minghajr ma taw kont sodisfacenti ghal liema skop legittimu jinsabu ghandhom f'dak iz-zmien.

Nakkuza lil *Omissis* wehidha talli fl-istess dati, postijiet, hinijiet u cirkostanzi, rrendiet ruha komplici fid-delitt maghmul minn Geani Roberto Marin meta xjentement, ghen jew assitiet sabiex id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat; jew xewxu, inkella sahhet il-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitt, jew weghditu li wara l-fatt tassistih, tieqaf mieghu jew tikkompensah.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatur Kriminali mghotija fit-3 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261, 262, 264, 265, 267, 279, 278, 284, 286, 287, 49, 50 u 28 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-harba tal-imputat minn dawn il-gzejjer fil-mori tal-kawza bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest lilu koncessa minn dina l-Qorti fit-13 ta' Settenbru 2012 li ghaliha dina l-Qorti qeghda ssibu hati, tordna illi tghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta is-somma ta' elf u tminn mitt Ewro (€1,800) rapprezentanti d-depozitu minnu maghmul u l-garanzija personali li huwa kien ghamel quddiem dina l-Qorti, qeghda tordna illi s-sena prigunerija li ghaliha huwa gie kkundanat is-sentenza sospiza tal-ghoxrin (20) ta'

Awwissu 2012 tigi servuta *kien gie kkundanat* u, inoltre tikkundanah ghal tmintax-il xahar prigunerija ghal dawn ir-reati lli llum instab hati taghhom li minnhom ghandhom jitnaqqsu l-ammont ta' zmien li huwa ghamel taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appellanti, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tilqa' l-ewwel zewg aggravji hawn fuq migjuba u tiddikjara nulla s-sentenza appellata u konsegwentement tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex ma' tipprivax l-esponent mill-beneficcju tad-doppio esame;
2. Tilqa' l-aggravji rimanenti u tvarja u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie ddikjarat mhux hati tal-ewwel tlett akkuzi ta' serq u mhux hati tas-sitt imputazzjonjoni u thassarha fil-bqija u cioe; fejn sabet lill-imputat hati tal-hames akkuza ta' ricettazzjoni u fejn gie kkundannat ghall-tmintax il-xahar prigunerija, kif ukoll f'dik il-parti fejn ordnat li 's-sena prigunerija li ghaliha huwa kien gie kkundannat is-sentenza sospiza tal-20 ta' Awwissu, 2012 tigi servuta' kif ukoll f'dik il-parti ddikjarat li sabithu hati ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu u ordnat li tghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta kull garanzija li huwa kien ta' ghall-helsien mill-arrest tieghu u minflok tilliberah minn kull htija u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi s-sentenza appellata hija manifestament nulla ghaliex ma tosservax ir-rekwiziti tal-Artikolu 382 tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta billi minkejja jidher mill-korp tas-sentenza l-esponent kien qed jigi misjub hati biss ta' ricettazzjoni, imkien fis-sentenza appellata ma jigi ndikat l-artikolu 334 tal-Kap 9 li johloq l-imsemmi reat. Ghalhekk is-sentenza appellata ghandha tigi mhassra kompletament ghaliex nulla u sabiex ma tipprivax lill-partijiet mid-dritt ta' doppio esame, ghanha tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi.
2. Illi s-sentenza appellata hija irrita u nulla u dan peress illi din ma' tissodisfax il-vot tal-ligi in kwantu jirrigwarda ir-rekwiziti essenzjali rikjest. F'dan is-sens l-esponent jispjega illi kif jirrizulta car u manifest jidher illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddisponi definittivament dwar ir-raba imputazzjoni u cioe' dik ta' pussess illegali ta' arma. Tali ommissjoni tirrendi l-istess sentenza difettuza

fit-termini tal-artikoli 377 u 382 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali din ghandha tigi annulata dan fuq skorta ta' gurisprudenza f'dan is-sens.

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Generoso Sammut (Appell Kriminali 80/2004) datata 13 ta' Ottubru, 2004, din l-Onorabbli Qorti pprovdiet dwar sitwazzjoni analoga ghall-dik odjerna (izda fejn in-nullita giet sollevata ex officio mill-Qorti stess) hekk kif gej:

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv. Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1].

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti ..."

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha necessarjament tannulla s-sentenza appellata ghaliex difettuza ab omissia decisione u sabiex ma' tipprivax lill-partijiet mid-dritt ta' doppio esame, ghandha tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti ma setghet qatt a bazi tal-provi akkwiziti quddiemha ssib lill-esponent hati ta' ricettazzjoni u dan

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna lill-imputat"**.

ghall-diversi ragunijiet, fosthom (i) illi ma kienx hemm provi sodisfacenti illi tabilhaqq l-oggetti elevat kienu effettivament misruqa tant illi ma jezisti ebda rapport maghmul minn xi derubati li dawn l-oggetti kienu nsterqu lilhom (b'mod partikolari il-Mobile Phone li addirittura l-prosekuzzjoni tallega li sidu huwa totalment injot), (ii) ma' hemm ebda provi tac-cirkostanzl ii fihom 1-esponent gie fil-pussess taghhom jekk qatt kienu fil-pussess tieghu u ghalhekkk in linja mal-principju tal-presunzjoni tai-innocenza ma; setgha qatt jigi prezunt illi dawn gew ghandu f' cirkostanzi fejn messu bassar li kienu misruqa [kif erronjament ghamlet l-ewwei qorti, (iii) il-fatt illi tabilhaqq l-akkuzata inkundizzjonatament ammettiet li kienet propju hi li laqghet ghandha 1-oggetti misruqa, (iv) li-fatt illi minkejja l-ammissjoni tal-koimputata u s-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taghha, 1-prosekuzzjoni naqset milli tiprroduciha bhala xhud sabiex titfa dawl fuq l-involviment li setgha talvolta kellu l-espoent, (v) il-fatt illi l-kunsiderazzjonjiet maghmula mill-ewwel Qorti sabiex sejset htija dwar din l-akkuza kien ikoll biss mera supposizzjonijiet bla bazi fattwali konkreta u li lanqas jistghu jitqiesu bhala provi indizzjarji u jekk iva dawn xorta in pessima ipotezi huma altament ekwivoci u per tant nieqsa minn kull valur probatorju effikaci. Huwa ghalhekk u ghar-ragunjiet kollha 1-ohra li ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan i-appell tali sejbien ta' htija ghandu jigi ikkancellat.

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, i-ewwel Qorti ma' setghat qatt ordnat li "s-sena prigunerija li ghaliha huwa kien gie kkundannat is-sentenza sospiza tal-20 ta' Awissu 2012 tigi servuta" u dan ghaliex kif jirrizulta mill-atti 1-esponent qatt ma' kien akkuzat li kkometta reat waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, tant li tabilhaqq lanqas l-Artikoli 28A et tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma' jinsabu kwotati fis-sentenza appellata fatt dan li minnu nnifsu oltre li jisostanzja dan i-istess aggravju, iggib ukoll se mai ghal darb' ohra n-nullita tas-sentenza appellata ghaliex ma' tirrispkejax ir-rekwziti tal-Artikolu 382 tal-Kap. 9 invokat fl-ewwel zewg aggravji hawn aktar il-fuq.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel Qorti ma' setghat qatt iddkjarat li sabiethu hati ta' ksur ta' kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest tieghu u ordnat li tghaddi f' idejn il-Gvern ta' Malta kull garanzija li huwa kien ta ghall-helsien mill-arrest tieghu u dan ghall-numru ragunijiet. Fl-ewwel lok ghal darb' ohra 1-esponent ma' kien qatt akkuzat f' dawn il-proceduri b' tali reat jew akkuza. Fit-tieni lok huwa kien diga gie separatament ipprocessat u gudikat fi proceduri separati li saru definittivi dwar dawn il-fatti u ghalhekk l-esponent qieghed jeccepixxi l-eccezzjoni ta' ne bis in idem dwar dan il-punt. Finalment fit-tielet lok l-ewwel Qorti kienet proceduralment skoretta ukoll peress illi f' cirkostanzi ta' ksur ta' kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest il-Qorti ma' tistax tipprocedi ex officio minghajr talba tal-prosekuzzjoni kif fil-fatt ghamlet f' dan il-kaz u wisq aktar minghajr ma'taghti lill-esponent l-opportunita li jaghti 1-versjoni tieghu sabiex jirribatti. Illi-ghalhekk minn dan l-aspett din il-parti tad-decizjoni appellat hija monka kemm ghax proceduralment skoretta kif ukoll ghax

leziva tad-dritt tal-esponent ghall-smiegh xieraq u f' dan is-sens jirriserva l-posizzjoni tieghu li jitlob riferenza kostituzzjonali jekk ikun mehtieg.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepsost 1-piena nflitta kien eccessiva u gravuza u dan ghall-zewg ragunjiet. L-ewwel nett il-piena ma' tidholx fil-parametri stabbilit mill-ligi ghar-reat ricetazzjoni. Tabilhaqq 1-Artikolu 334 jiddisponi li 1-piena applikabbli tkun dik ta' serq skond il valur u per cio' fil-kaz odjern kienet se mai tapplika 1-piena tas-serq semplici li l-massimu taghha huwa 6 xhur priguenrija. Fit-tieni lok, il piena ta' prigunerija effettiva u f' dak 1-ammont zgur li taghmilx tajjeb ghall-kaz odjern meta jitqiesu c-cirkostanzi kollha ta' dan i-kaz.

Rat is-sentenza taghha tas-27 ta' Marzu 2014 (fol 129) fejn iddikjarat il-Qorti tal-Magistrati bhala nulla u bla effett minhabba difett procedurali;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur kif ukoll tal-avukat prosekutur;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher fil-bidu ta' dan il-gudikat l-appellant gie addebitat illi fid-dsatax (19) ta' Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) u fi granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer ikkommetta serq ta' mobile phone tal-marka Sony Ericsson, serq ta' qmis tad-ditta Sisley, serq ta' jeans tad-ditta Killah, instab fil-pussess ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ukoll illi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b'reat, ukoll li nstab fil-pussess ta' oggetti minghajr ma ta kont sodisfacenti ta' kif gew legittimament ghandu u wkoll talli kien irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta. L-origini ta' dawn l-addebiti kien rapport illi kien ghamel sid il-kera fejn joqghod l-appellant illi dan ma kienx qed ihallas il-kera. Ghalhekk il-pulizija marret fil-fond u kif kienet hemmhekk wettqet tfittxija stante illi l-appellant u sehbitu irrifjutaw illi jdahhlu lill-pulizija fl-appartament u hekk kif dahlu l-pulizija raw lill-appellant jarmi l-mobile barra mit-tieqa li allura gieghlhom jissuspettaw hazin u wara tfittxija nstabu oggetti illi setghu kienu misruqa kif ukoll flick knife illi dwaru ma kienx hemm licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Minkejja illi din il-Qorti annullat is-sentenza tal-ewwel Qorti, din il-Qorti taqbel mal-argumenti tal-ewwel Qorti meta illiberat lill-appellant mill-akkuzi ta' serq u sabitu minflok hati tal-akkuzi ta' ricettazzjoni. Ma hemmx dubbju illi l-hwejjeg misjuba fil-fond tal-appellant kienu gejjin minn provenjenza illecita kif xehed ir-rapprezentanza

tad-ditta Sisley u Exit (fol 69) minn fejn wara stock take li sar mill-kumpanija nstab illi l-unika qalziet li kien nieqes kien dak illi nstab fil-pussess tal-appellant. L-istess jinghad ghas-serq ta' qmis tad-ditta Sisley. Dawn il-hwejjeg godda fjamanti nstabu fil-pussess volut tal-appellant fejn ukoll irrizulta illi dawn gew nieqsa mill-istabbilimenti tal-hwienet Sisley u Exit rispettivament.

L-appellant ma ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif dawn il-hwejjeg gew fil-pussess tieghu. Dana apparti l-fatt illi l-agir tal-appellant illi rama' mobile ta' certa valur barra mit-tieqa ghal fuq il-bjut ta' haddiehor hija indikazzjoni li l-pussess ta' dak il-mobile kien wiehed illegittimu u l-appellant kien jaf jew messu kien jaf illi kien gej minn xi serq.

Rigward l-aggravju tal-appellant illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt tordna li s-sena prigunerija li ghaliha l-appellant kien gie ikkundannat sentenza sospiza tal-20 ta' Awwissu 2012 tigi fis-sehh, jisthoqq illi tkun milhuqa. Dan il ghaliex huwa minnu illi l-appellant qatt ma kien akkuzat illi ikkommetta reat waqt perjodu operativ ta' sentenza sospiza. Fil-fatt il-kundanna tas-sentenza sospiza kif jidher aktar 'il fuq inghatat fl-20 ta' Awwissu 2012 u cioé wara l-kommissjoni ta' dawn ir-reati illi skont l-akkuza saru fid-19 ta' Awwissu 2012 u fi granet ta' qabel. Ghalhekk, filwaqt illi l-elementi ta' serq ma jirrizultawx mill-provi, jirrizulta però r-reat ta' ricettazzjoni fl-isfond tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk wara li rat l-artikoli 334(a), l-artikolu 279 tal-Kap. 9 u l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Armi, Kap 480, ma ssibx lill-appellant hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet, is-sitt u t-tmien akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba' akkuza peress illi din ma tirrigwardax lill-appellant, izda ssibu hati tar-raba' akkuza dik ta' pussess ta' arma bil-ponta u li taqta' minghajr licenzja jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, issibu wkoll hati tal-hames akkuza dik ta' ricettazzjoni u tikkundanna lill-appellant ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien tnax-il (12) xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------